MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2010

Numru. 24/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**-vs-**

**JOHN VELLA**

**Seduta ta' llum…………………………2010.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOHN VELLA** ta' tmienja u tletin sena (38), bin Carmel u Margaret nee' Azzopardi, imwieled ix-Xaghra, Ghawdex, nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar 1968, u residenti gewwa 29, Triq San Pawl, Munxar, jew

53, Triq ta' Gokk, Xewkija, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 3468 (G), gie mressaq quddiemha akkuzat:

Talli fil-Munxar, Ghawdex, nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju, 2006 f'xi hin bejn is-sitta u nofs (6.30p.m.) u t-tmienja (8p.m.) ta' filghaxija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal iktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) ghad-dannu ta' Antoinette Vella.

Ukoll, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmel Vella.

Ukoll, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil PS 187 Mario Cassar, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Ukoll, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 187 Mario Cassar, wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod bla jedd indahal fi dmiru.

Ukoll, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waddab gebel ghall-istha, bjut, twieqi, bibien, hitan ta' djar ta' haddiehor, jew ta' bini iehor.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-bon ordni w il-paci pubblika.

Rat ir-rikors ipprezentata nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru, 2006 minn Carmelo u Antoinette konjugi Vella, fejn talbu li jigu ammessi bhala Parte Civile f'din il-kawza, ai termini tal-Artikolu 410 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema rikors gie milqugh mill-Qorti nhar is-sitta (6) t'Ottubru 2006.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom Estratt tat-Twelid u Fedina Penali tal-imputat **JOHN VELLA**.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar it-tlieta u ghoxrin (23) t'April, 2010.

Ikkunsidrat:

Illi **P.S. 187 Mario Cassar** xehed fis-sitta u ghoxrin (26) t'Ottubru 2006, ( a fol. 13 et sequitur) fejn qal li dakinhar tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju 2006, ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija (7.30pm) kien gie msejjah biex imur fi Triq San Pawl, il-Munxar, peress li kien hemm xi glied, u meta mar fuq il-post ra lill-imputat, li gharfu prezenti fl-Awla, u dan indikalu ragel li kien wara tieqa fl-ewwel sular ta' bini taht kostruzzjoni, u qallu li dak ir-ragel kien waqqaghlu xi hajt. Wara rrizultalu li dak ir-ragel kien Carmel Vella. Kompla li mbaghad Carmel Vella mit-tieqa fejn kien, kien qallu li hu ghandu flat hemmhekk u li fil-parti ta' wara tal-flat kien hemm hajt mibni llegalment minn John Vella, li anke kien injora l-iStop Notice tal-MEPA. Ghalhekk Carmel Vella kien waqqa' parti mill-hajt.

Ix-xhud kompla jghid li huwa kien qal lil Carmel Vella biex jinzel halli jitkellmu, u li dan kien qallu li John Vella kien tefa' xi gebel lejn it-tieqa, kissirilu l-hgiega u sahansitra kkagunalu xi ferita fuq l-istonku tieghu. Qallu koll li kellu vettura pparkjata fit-triq, bin-numru ta' registrazzjoni BEL 306, u li John Vella (l-imputat) kien ghamel hsara estesiva fuqha bil-gebel li tefa'. Hawnhekk ix-xhud esebixxa l-Okkorrenza relattiva li giet immarkata bhala Dok. PL.

Kompla jghid li sussegwentement kien informa lill-Ispettur bl-incident. Qal ukoll li mbaghad l-imputat kien qallu li hu (x-xhud) ma kienx qed jipprotegi lit-tifel tieghu peress li l-mara ta' Carmel Vella kienet marret biex issawtu (lit-tifel tal-imputat). Zied pero' li kien irrizulta li l-mara ta' Carmel Vella kienet qed tiehu xi ritratti meta t-tifel ta' John Vella pprova johodilha l-camera. Mat-tifel tal-imputat, kien hemm certu Reggie Vella.

Zied jghid li John Vella beda jmissu u jghidlu li ma kienx qed jaghmel xoghlu sewwa, u ghalkemm hu wissieh kemm-il darba biex ma jtellfux f'xoghlu ghaliex inkella kien ser ikollu jarrestah, l-imputat xorta baqa' jimbottah u

jghidlu li ma kienx qed jaghmel xoghlu. Ghalhekk, kompla x-xhud, kellu jarresta lill-imputat, li dahal fil-karozza tal-Pulizija wara li hu (x-xhud) kien qallu biex jidhol diversi drabi. Qal li hu u diehel fil-karozza, John Vella waqqa' l-mobile mal-art izda dar fuq ix-xhud u qallu "Ara x'ghamiltli, kissiritli l-mobile", allura hu qallu biex ma jaghmilx iktar allegazzjonijiet infondati. Dak il-hin l-imputat cempel lil xi hadd minn fuq dan il-mobile, u lill-persuna li kien qed ikellem qalilha li kien jinsab arrestat, u hu (x-xhud) qallu li kull kelma li kien se jghid minn dak il-hin 'il quddiem se tingieb bhala prova. Ghal dan il-kliem l-imputat dar fuqu u qallu li hu (x-xhud )ma jahmlux, u ghal darb'ohra hu rega' rrepetielu l-istess kliem li kien qallu qabel. Ix-xhud qal li mbaghad wassal lill-imputat l-ghassa u mar lura l-Munxar fejn ha l-versjoni ta' Carmel Vella.

Qal li Carmel Vella u martu kellhom *digital camera* u wrewh ritratt li hadu biha fejn kien jidher John Vella b'bicca gebla f'idejh, lest biex jitfaghha lejn il-karozza taghhom. Spjega li hdejn il-karozza kien sab katina, windscreen u bonnet miksurin, u xi gebel. Qal ukoll li Carmel Vella kien dahhlu fil-flat tieghu u wrieh il-parti tal-hajt li kien waqqa' permezz ta' fallakka li pogga min-naha ta' wara, mill-veranda tieghu, u biha rnexxielu jimbotta l-gebel l' isfel mill-bitha. Ix-xhud spjega li hawnhekk huwa kien informa lil Carmel Vella li din kienet 'violation of property'.

Minn hawn ix-xhud qal li rega' mar l-ghassa fejn ma' John Vella sab ukoll lil ohtu Dr. Vella, u l-Ispettur George Cremona. Talab lil John Vella jtih il-partikolaritajiet tieghu, kif ukoll biex itih il-karta tal-identita'. Dak il-hin Dr. Vella, tatu n-numru tal-karta tal-identita' ta' huha, izda x-xhud qalilha biex ma tindahallux f'xoghlu , ghalhekk rega' talab lil John Vella jtih il-karta tal-identita' u dan ma tahilux, u meta staqsieh id-data tat-twelid dan wiegbu li ma jiftakarhiex. Insista li John Vella kien qallu li la jiftakar in-numru tal-karta tal-identita' u lanqas id-data tat-twelid tieghu. Imbaghad John Vella tela' fuq mal-Ispettur biex johodlu Stqarrija.

Meta gie mistoqsi jekk investigax l-allegazzjoni ta’ Carmel Vella li kien hemm xi Stop Notices, wiegeb li ma kienx investiga u allura ma setax jghid jekk kienx bini llegali jew kienx hemm Stop Notice. Sostna li hu agixxa fuq dak li kien qallu Carmel Vella. Qal li meta mar fuq il-post fi Triq San Pawl, ma dahal fl-ebda proprjeta’. Mistoqsi mid-difiza jekk meta wasal fuq il-post, John Vella kienx qallu li Carmelo Vella kien qed jitfa’ l-gebel, ix-xhud wiegeb fin-negattiv, anzi zied li dan kien qallu biss li Carmel Vella kien waqqaghlu l-hajt. Kompla jghid li meta wasal fuq il-post Carmel Vella kien qed jittawwal mit-tieqa ghat-triq u allura ma setax ikun li Carmel Vella baqa’ jitfa’ l-gebel ghaliex ma kienx fil-parti ta’ wara tal-flat. Spjega li huwa dahal ghand Carmel Vella wara li kien ha lill-imputat l-ghassa, biex jara jekk il-hajt kienx verament imwaqqa’ jew le. Ikkonferma li Carmel Vella kellu xi grif u demm fuq l-istonku tieghu u ma’ zaqqu. Mistoqsi jekk kienx jaf minn fejn kien gie dan id-demm, qal li mal-art kien hemm hgieg u gebel imcappsin mid-demm. Qal li anke fil-kurudur ta’ fuq kien hemm il-hgieg mal-art, li Carmel Vella qallu li kienu nkisru meta John Vella kien tefa’ l-gebel.

Fuq domanda tad-difiza qal li Carmel Vella urieh il-fallakka li kien uza biex waqqa’ l-hajt ghall-proprjeta’ ta’ John Vella, u li dan kien urieh ukoll kif kien ghamilha bhal speci ta’ pont, tela’ fuqha u mbotta l-hajt b’idejh.

Mistoqsi wkoll ghaliex kien arresta lil John Vella, irrisponda li dan beda jfixklu waqt li kien qed jaqdi dmiru u spjega li meta kienu lkoll fit-triq u bdew jghajtu, filwaqt li meta lil Carmel Vella huwa (x-xhud) kien qallu biex jersaq min-nofs, dan warrab, l-imputat baqa’ jippersisti mieghu li ma kienx qed jipprotegilu t-tifel, baqa’ jmiss mieghu anke meta hu beda jersaqlu lura, u kompla jfixklu f’xoghlu. Qal ukoll li l-akkuzat ma hallihx johodlu l-verzjoni tieghu fuq il-post u ghalhekk kellu jiehdu l-ghassa, fejn imbaghad l-istqarrija ttiehdet mill-Ispettur. Kompla jghid li meta hadu l-ghassa huwa ma kienx qaflu fil-lock-up izda hallieh wahdu fil-bitha, u meta mar lura l-ghassa kien ghadu hemm flimkien mal-Ispettur Cremona u ma’ Dr. Vella, tant hu hekk li min dahal l-ghassa ma kienx jinduna li John Vella kien taht arrest. Mistoqsi min kien hemm aktar fil-

bitha ma' John Vella, qal li jekk jiftakar sew kien hemm PC759 u seta' kien hemm ukoll l-alllura Ispettur Antonello Grech.

Mistoqsi wkoll jekk Dr. Vella kinitx ukoll fixklitu waqt xoghlu, wiegeb li meta staqsa lil John Vella ghall-I.D. card tieghu, kien jippretendi li jwiegbu hu u mhux ohtu Dr. Monica Vella. Meta gie mistoqsi x'ghamel rigward it-talba tal-imputat biex jipprotegi lil ibnu, qal li dak il-hin huwa kien qieghed fuq it-telephone mal-Ispettur jinfurmah bl-akkadut, u dak il-hin irrizultalu l-kontra ta' dak li kien qallu John Vella.

Kompla jispjega li dak il-hin il-mara ta' Carmel Vella qaltlu li fil-fatt kienu l-familjari ta' John Vella li ppruvaw johdulha l-*camera* tar-ritratti minn idejha u li kuntatt bejniethom ma kienx hemm. Qal li dak il-hin hu kien prezenti u kien qed jara x'inhu jigri, u fl-ebda hin iben John Vella ma kien f'xi periklu u li l-mara ta' Carmel Vella fl-ebda hin m'ghamlet ghalih. Zied pero', li hu wissieha biex ma tihux izjed ritratti. Kompla li fil-fatt kienu l-familjari ta' John Vella li mxew lejn il-mara ta' Carmel Vella, li kienet xi ghoxrin (20) metru l'boghod mill-bini in kwistjoni.

Iddeskriva l-post ta' Carmel Vella bhala *'half finished'*, b'tikhil 'l hawn u 'l hemm peress li kien qed jaghmel ix-xoghol hu stess. Qal li fil-proprjeta' ta' John Vella ma dahalx ghaliex lil dan kien hadu l-ghassa, pero' mill-post ta' Carmel Vella xorta seta' jara l-hsara li saret fil-proprjeta' ta' John Vella meta Carmel Vella waqqa' l-hajt. Pero' spjega li seta' jara minn fuq biss, l-art ma rahiex.

Qal li minn x'hin wasal fuq il-post sakemm ha lil John Vella l-ghassa, ma kienux ghaddew iktar minn ghaxar minuti. Sostna li John Vella qatt ma talbu biex jidhol fil-proprjeta' tieghu, u zied li <u>l-intenzjoni tal-imputat kienet biss li bl-agir tieghu ifixklu f'xoghlu billi beda jmiss mieghu u jipprovokah. Qal li mieghu kien hemm pulizija iehor</u>.(sottolinear tal-Qrti)

Rat li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru, 2006 xehed **P.C. 1402 Anthony Attard** ( a fol. 24 et sequitur), li qal li fit-

tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju, 2006 ghall-habta tas-sebgha u nofs (7.30p.m.) jew it-tmienja (8p.m.) ta' filghaxija, waqt li kien xoghol l-ghassa tar-Rabat bhala xufier, gew infurmati li kien hemm glieda l-Munxar. Ghalhekk mar ma' P.S. 187 Mario Cassar fuq il-post. Qal li kull ma ra kienet karozza bajda bil-hgieg imkisser. Qal li fit-triq ra wkoll lill-imputat, li gharfu prezenti fl-Awla, u fl-istess hin, minn go tieqa hareg ragel iehor li kellu l-qmis imqatta' u mcappsa bid-demm. Kompla jghid li s-Surgent beda jkellem lill-imputat, u li dan qallu li kien hemm xi kwistjoni bejnu u bejn ir-ragel l-iehor dwar hajt. Hu ma hax dettalji.

Xehed li s-Surgent wissa lil John Vella biex ma jtellfux fuq xoghlu, u zied li kien daqsxejn 'il boghod minnhom. Kompla jixhed li f'mument minnhom sema' lis-Surgent jghid lil John Vella li kien taht arrest, u allura hu u s-Surgent hadu lil John Vella l-ghassa tar-Rabat.

Zied li lil Carmel Vella hu ma rah jaghmel xejn. Sussegwentement, wara li kienu hadu lil John Vella l-ghassa, hu u s-Surgent regghu marru fuq il-post, pero' hu qatt ma dahal fil-postijiet.

Meta gie mistoqsi jekk rax xi gebel fil-karozza li kellha l-*windscreen* imkisser, qal li gebel u hgieg imkisser fil-windscreen ra zgur, pero' jekk kienx hemm xi taghtina jew le, ma jafx, u li ma tax kaz jekk taht il-karozza kienx hemm hgieg.

Spjega li John Vella qaghad bil-wieqfa quddiem is-Surgent u beda jiggestikola. Mistoqsi jekk rax lis-Surgent jimxi lura u 'l quddiem qal li ma jiftakarx.

Fis-sitta u ghoxrin (26) t'Ottubru, 2006 xehed ukoll **Carmel Vella** ( a fol. 26 et sequitur), u dan nonostante li l-Qorti wissietu li ghandu dritt li ma jwegibx, peress li hemm proceduri fil-konfront tieghu.

Qal li huwa ghandu post il-Munxar, u fuq il-parti ta' wara ta' dan il-flat ghandu gallarija. Qal ukoll li l-bitha u l-post sovrastanti huma tieghu. Spjega li l-hajt li sar f'din il-bitha,

inbena skond ir-Regolamenti tal-MEPA fis-sena 2000, u l-istess hajt jigi livell tal-gallarija tieghu. Esebixxa xi ritratti. Spjega li r-ritratt immarkat Dokument S hemm indikat is-saqaf tal-gallarija li hemm fuq in-naha ta' wara tal-flat tieghu, u tidher ukoll il-bitha tieghu u l-hajt li nbena fuq wara tal-istess gallarija. Fir-ritratt "T", hemm indikat il-gallarija u l-hajt faccata li nbena at *right angles* mal-gallarija, u li fil-fatt hu mirfud fuq l-istess gallarija. Spjega li r-ritratt immarkat "X" huwa l-istess bhal dak "T" imma at *right angles*. Spjega li fejn hemm immarkat bl-ittra "O" fuq ir-ritratt "S" jindika fejn originarjament kien jieqaf il-hajt in kwistjoni, u li mil-livell tal-qatran 'il fuq huwa l-hajt il-gdid li nbena fuq il-hajt divizorju ta' bejniethom.

Mistoqsi jekk dakinhar kienx hemm xi haddiehor mieghu, qal li kien hemm martu Antoinette. Qal li kienu telghu hemm ghax kellu jsir access, u fil-fatt ftit qabel kien hemm ukoll iz-ziju tieghu, il-Perit u Dr. Georgine Grech, pero' dawn kienu diga' telqu meta gara l-incident. Sostna li l-hajt li nbena faccata tal-gallarija tieghu ma kienx imqabbad, u allura kien ta' periklu, u zied li hu kien staqsa lill-avukat tieghu jekk kienx ikun qed jikser il-ligi jekk jaqleb il-hajt u l-avukat kien qallu li le, u allura qabad u qallbu.

Mistoqsi mill-Qorti x'kien hemm fuq in-naha l-ohra tal-hajt, ix-xhud wiegeb li kien hemm blat u zied li hu waqqghu malli nduna bih. Qal li mill-gallarija stajt tmiss il-hajt b'idek. Kompla li kif qaleb il-hajt wasal l-imputat, li gharaf fl-Awla, jghajjat u jistiednu ghall-glied pero' hu wiegbu li kien ikun ahjar jekk isejjhu lill-Pulizija, u jekk hu (x-xhud) kien ghamel hazin jittiehu passi kontra tieghu, pero' l-akkuzat baqa' jghajjat. <u>Qal li fil-qrib kien hemm il-karozza tieghu, u kien hemm ukoll xi xorok, l-imputat qabad ix-xorok u beda jitfaghhom fuq il-karozza, ghalhekk hu beda johodlu r-ritratti.</u>

Esebixxa xi ritratti ohra, u kkummenta li fir-ritratt S1 jidher l-imputat b'gebla f'idejh u li l-karozza Peugeot bajda li tidher hija tieghu (tax-xhud) u sa dak il-hin il-windscreen tal-karozza kien ghadu shih. Jidher ukoll van pick-up. Xi ftit hin wara dan il-van telaq, kif jidher mir-ritratt S2, u <u>l-windscreen tal-karozza issa jidher imkisser u l-imputat</u>

jidher li ghandu gebla f'idejh. Hawnhekk qal li hu cempel lill-pulizija, li damu xi ftit ma waslu. Meta dawn marru fuq il-post, il-pulizija ghajjattlu u hu hareg.

Qal ukoll li qabel waslu l-pulizija, l-imputat kien effettivament waddab xi gebel lejn it-tieqa tan-naha ta' quddiem tieghu, u esebixxa ritratt S3, fejn jidhru t-twieqi tal-post bil-hgieg imkisser. Qal li waqt li kienu qed jitkellmu mal-pulzija, John Vella beda jirrezisti lill-pulizija u fil-fatt dan jidher minn ritratt li haditilhom il-mara tieghu (tax-xhud) li gie mmarkat bhala S4. Zied jghid li mbaghad is-Surgent arresta lill-imputat u l-pulizija haduh maghhom fil-karozza. Sussegwentement regghu marru lura s-Surgent u l-Pulizija wahedhom.

Pero' mbaghad ix-xhud qal li meta regghu marru lura, lil John Vella haduh maghhom, u kien hemm ukoll persuna ohra, u li din il-persuna flimkien mal-imputat marru jigru wara l-mara tieghu biex ikissrulha l-*camera*, izda nzammu mill-Pulizija.

Qal li sussegwentement mar l-isptar ghax kellu xi grif fuq sidru, peress li meta kienet infaqghet il-hgiega waqghet fuq sidru, fejn gie mmedikat u fejn it-tabib li rah kien hariglu Certifikat Mediku li mbaghad hu ghadda lill-Pulizija. Kien ghaddielhom ukoll stima mahruga mill-Insurance tieghu tal-hsarat li garrbet il-karozza tieghu bin-numru ta' registrazzjoni BEL 306, li hija registrata f'isem martu Antoinette Vella.

Rega' spjega li l-hajt tal-bitha huwa ftit 'il fuq minn disa' (9) piedi, u nsista li kienu marru rapprezentanti tal-MEPA li kienu raw li kollox kien kif suppost. Qal ukoll li l-gallarija tigi sovraposta ghal fuq il-bitha, u li jekk toqghod fit-tarf tal-gallarija l-hajt li nbena tkun kwazi tista' tmissu. Cahad dak li gie suggerit lilu mid-difiza li l-fond tal-gallarija qed jiehu parti mill-fond tal-bitha. Qal li l-bitha qeghda fil-*ground level*, u hija adjacenti , jew forsi daqsxejn iktar gholja, mill-post ta' warajh. Spjega inoltre li fuq il-bitha hemm garaxx ta' terzi, u fuq il-garaxx hemm il-proprjeta' tieghu, u ghalhekk il-flat tieghu qieghed fit-tielet sular u ghandu wkoll parti mill-bejt ta' wara. Kompla jghid li dakinhar

huwa kien qieghed fil-flat tieghu peress li kien inzamm access b'ordni tal-Qorti f'kawza civili.

Imbaghad qal ukoll li minn programm li kien ra fuq it-televizjoni kien fehem li suppost ma tistax tiehu l-ligi b'idejk, pero' li jekk tiehu l-ligi b'idejk dak il-hin stess li ssir l-azzjoni, ma tkun qed taghmel xejn hazin. Anzi stqarr li hu fehem, li ghandek id-dmir li taghmel hekk qabel ma tiehu r-rikors il-Qorti. Sostna li kien sahansitra kkonsulta mal-avukat tieghu Dr. Galea jekk dan hux minnu, u dan ikkonfermalu li hekk hu, u ghalhekk waqqa' l-hajt. Insista li l-hajt in kwistjoni, kien minghajr puntali u ghalhekk kien perikoluz.

Ix-xhud qal li hu jahdem bhala Principal Radiographer gewwa l-Isptar. Kompla jistqarr li skond is-sens komun tieghu kien jidhirlu li hajt gholi tliet sulari u li ma kien imqabbad ma' mkien kien ta' periklu, u ghalhekk waqqghu. Ikkonferma li wara l-hajt kien hemm il-blat. Huwa indika lill-Qorti fir-ritratt "X" il-parti tal-blat bl-ittra "Q". Ix-xhud esebixxa ritratt iehor li gie mmarkat bhala Dok. S5, li juri l-proprjeta' tal-imputat, pero' ma kienx jaf jghid li din hix parti mill-bitha proprjeta' tal-imputat, izda kien jaf zgur li hemm blat biss.

Mistoqsi kif l-imputat kien jaf liema kienet il-karozza tieghu, wiegeb li ma jafx, imma kkonferma li rah ikissirhielu. Qal li jista' jkun li kien certu Raymond Spiteri, minghand min l-imputat xtara l-post tieghu, li qallu liema kienet.

Mistoqsi jekk effettivament il-Pulizija kienux regghu hadu maghhom lill-imputat, qal li jista' jkun li ma kienx maghhom, ghax dak il-hin kien eccitat hafna. Qal li s-Surgent kien tela' ghandu u hu wrieh il-hajt li kien waqqa'.

Gie muri r-ritratt S u kkkonferma li l-hajt in kwistjoni muri fir-ritratt huwa mibni fuq il-hajt tal-bitha tieghu, u li l-hajt minn fejn hemm immarkata l-ittra "O" 'l isfel kien bnieh hu u kien kollu fil-proprjeta' tieghu, u allura l-hajt in kwistjoni kien inbena fuq il-proprjeta' tieghu. Spjega li l-hajt fil-ground floor kien imqabbad fil-proprjeta' tieghu. Qal li

mill-arkata tal-imputat ‘l hawn, hemm il-hajt li bena hu ‘l isfel li mhux imqabbad mal-arkata tieghu (tax-xhud) u li suppost il-hajt kien gej dobblu, pero’ biex ma tintmessx l-arkata sar singlu. Qal li hu xtara l-post *‘on plan’*, pero’ l-persuna li bieghetulu kienet responsabbli ghall-bini.

Ix-xhud stqarr li bid-daghdiha li kellu fuqu waqt l-incident, lanqas kien induna li kellu d-demm, pero’ zied li l-feriti li kellu kienet superficjali.

Spjega li biexx waqqa’ l-hajt huwa pogga tavlun kontra tieghu minn fuq il-hadid tal-gallarija, imbuttaha u qallbu, kif jidher mir-ritratt immarkat bhala Dok X6. Pero’ iccara li kieku l-hajt kien ‘supported’ u maghluqa mal-proprjeta’ tieghu, dan ma keinx jaqa’, fil-fatt kienet il-parti ta’ fuq li waqghet. Zied jghid li qabel ma waqqa’ l-hajt kien tela’ fuq il-bejt biex jara li ma kienx hemm nies fuq in-naha l-ohra, u kien sahansitra tefa’ zewg bramel ilma minn fuq il-bejt, biex jekk ikun hemm xi hadd jinhasad u hu jinduna bih.

Ikkonferma li l-grif li kellu gie meta l-imputat tefa’ gebla mal-hgiega u din infaqghet, u sostna li fil-fatt it-tabib tal-isptar, li ma jafx x’jismu, kellu jnehhilu xi hgieg li kien ghad kellu fuq gismu. Mistoqsi kif jaf li kien l-imputat li tefa’ l-gebla, wiegeb li rah jitfaghha minn quddiem il-karozza.

Gie muri ritratt S3 u spjega li t-tieqa fin-naha ta’ fuq tar-ritratt, hija tieqa li qeghda n-naha ta’ quddiem tal-post, minn fejn ra lill-imputat jitfa’ l-gebla filwaqt li dik fin-naha t’isfel, qeghda fuq il-parti ta’ wara li taghti ghall-proprjeta’ tal-imputat, u li hu (x-xhud) sabha miksura. Esebixxa r-ritratt S6 fejn indika l-proprjeta’ tal-imputat u ritratt iehor S7 fejn jidher il-*pipe* ta’ l-ilma mqaccat, u spjegat li dan huwa l-post ezatt fejn l-imputat qabbad il-hajt mal-gallarija tieghu. Zied pero’ li hu ma rax lill-imputat jaqlaghlu l-pipe ta’ l-ilma u lanqas ma rah jibni l-hajt.

Illi fl-erbatax (14) ta’ Novembru, xehdet **Antoinette Vella** mart Carmelo Vella, (a fol. 42 et sequitur) fejn qalet li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Gunju 2006 hi u zewgha kienu telghu Ghawdex fejn ghandhom flat li dwaru kellhom xi

kwistjoni. Dahlu fil-flat ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta’ filghaxija (4.45p.m.), u malli dahlu hi nnotat li kien hemm hafna dlam, u x’hin baqghu dehlin gewwa sabu hajt mibni faccata tal-gallarija li hemm fuq in-naha ta’ wara. Giet murija r-ritratt li jinsabu esebiti fl-atti u kkonfermat li dawn ittiehdu minnha u minn zewgha dakinhar stess, u li juru l-flat taghhkom kif kien dakinhar. Kompliet tghid li huma kienu cemplu lill-avukat taghhom u dan qalilhom li setghu inehhu l-hajt, allura zewgha qabad bicca njama, mbottah u l-hajt waqa’. Spjegat li huma poggew tavlun fuq il-gallarija taghhom u mbuttaw bih, izda qabel zewgha kien mar jittawwal minn fuq il-bejt biex jara jekk kienx hemm nies fuq in-naha l-ohra. Qalet li biex ikun cert li m’hemm hadd tefa’ xi gebla jew xi haga ohra zghira u meta ma wiegbu hadd imbotta l-hajt. Izda sussegwentement semghu xi ghajjat.

Ix-xhud qalet li ma tafx min bena l-hajt in kwistjoni.

Kompliet li mbaghad bdew jisimghu l-ghajjat barra u meta marret tittawwal rat lill-imputat, li gharfitu prezenti fl-Awla, u sakemm marret tghid lil zewgha li John Vella kien qieghed barra semghu il-hgiega tat-tieqa tinkiser. Imbaghad qalet li rat lil John Vella hdejn il-karozza taghhom jaghti xi daqqiet fuqha. Allura cemplet lill-pulizija. L-istorbju kompla u billi kellha l-camera hadet xi ritratti, li jinsabu esebiti fl-atti. Qalet li lill-pulizija kellha ccemplilhom tliet darbiet qabel ma marru fuq il-post. Meta l-pulizija waslu fuq il-post, hi u zewgha bdew jghidulhom x’kien gara, u dak il-hin l-imputat mar jigri warajha meta bdiet tiehu r-ritratti.

Sussegwentement, kompliet, il-pulizija hadu lil John Vella maghhom imbaghad regghu marru lura fuq il-post u raw il-hsarat li kien hemm. Wara huma marru l-ghassa tar-Rabat fejn tkellmu mas-Supretendent Antonello Grech. Kompliet li zewgha kellu jmur ghal xi medikazzjoni fl-isptar, peress li kellu xi hgieg imwahhal mieghu mill-ksur tat-tieqa.

Spjegat li l-imputat agixxa b'mod aggressiv fil-konfront tal-Ufficjali tal-Pulizija, u li quddiem il-pulizija stess kien anke mar jigri warajha.

Temmet tghid li ma ratx lill-imputat johdilha l-camera minn idejha peress li kellha r-ritratti b'dak li kien gara.

Illi nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru 2006, xehed is-**Supretendent Antonello Grech** (a fol. 48 et sequitur) li qal li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju 2006 ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija (7.30p.m.) kien gie nfurmat minn P.S. 187 li kien inqala' argument fil-Munxar bejn certu Charles Vella u John Vella, u li John Vella ma kienx qieghed jobdi l-ordnijiet tieghu.

Pero' mbaghad qal li qabel kellmu s-Surgent kien diga' cempillu certu Reggie Vella li kien qallu li kienu cemplu lill-pulizija izda dawn kien ghadhom ma marrux fuq il-post, u qallu biex ifitxxu jmorru ghax kien hemm wiehed ikissrilhom hajt li kienu bnew u kien ha jinqala' l-inkwiet. Kompla jghid li mbaghad hu kien ikkuntattja l-ghassa tar-Rabat, fejn qalulu li kien mar is-Surgent. Ftit wara mar l-ghassa u cempel lis-Surgent u waqt li kien fuq il-linja mieghu sema' l-ghajjat u s-Surgent qallu li kien se jarresta lil John Vella ghax kien qieghed jindahallu f'xoghlu, u fil-fatt wara kien hadu l-ghassa.

Sussegwentement kien mar ukoll Charles Vella l-ghassa u kien qallu li kien sab hajt li kien bena John Vella, u li ghandhom il-proprjetajiet ma' genb xulxin, u li hu kien beda jwaqqa' dan il-hajt. Qallu wkoll li John Vella kien mar fuq il-post u kisser il-karozza tal-mara tieghu . Zied li hu u martu kienu hadu r-ritratti u John Vella jidher ikisser il-karozza.

Ix-xhud kompla li wara kien ha l-istqarrija ta' John Vella fil-prezenza ta' PC 759 Emanuel Zammi, li giet esebita minnu u mmarkata bhala Dok AG1. Spjega li din l-istqarrija ttiehdet wara li lil John Vella kienet inghatatlu s-solita twissija, pero' dan wara ghazel li ma jiffirmax. Ikkonferma li l-firem fuq l-istqarrija huma tieghu u ta'

PC759 Emanuel Zammit. Sussegwentement kien ressaq lil John Vella l-Qorti.

In kontro-ezami s-Supretendent Grech qal li s-Surgent ma rax min kien effettivament kisser il-karozza izda li kien ra l-hsarat li saru fuq il-karozza.

Rat li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar 2007 xehed **PC75 Emanuel Zammit** (a fol. 56) fejn ikkonferma li hemm il-firma tieghu u tas-Supretendent Antonello Grech fuq iz-zewg faccati ta’ l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat John Vella, li tinsab esebita fl-atti u mmarkata Dok. AG1. Ikkonferma wkoll li l-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Illi nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Gunju 2007, xehed **Mario Buttigieg** (a fol. 69) li ddikjara li huwa kien qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ assikuratrici Gasan & Mamo Insurance. Esebixxa survey report rigward il-vettura ta’ l-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta’ registrazzjoni BEL 306. Qal li l-istima u l-konsegwenti hlasijiet tal-hsarat kienu ammontaw ghal elf u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm1088). Id-dokumentazzjoni esebita minnu ghan-nom ta’ Gasan & Mamo Insurance giet immarkata bhala Dok. Z.

Illi fl-ewwel (1) ta’ Novembru, 2007 semghet ix-xhieda tal-imputat **John Vella** (a fol. 83 et sequitur) li stqarr li darba f’Gunju 2006 kien ircieva telefonata fejn kienu nfurmawh li kien hemm persuna qed tkissirlu l-post tieghu, allura mar fuq il-post u sema’ hafna tifrik u beda jghajjat. Qal li ra l-knatan nezlin ghal isfel, tliet (3) sulari, u ghalhekk ma dahalx fil-proprjeta’ tieghu. Spjega li l-gebel kien minn tal-kantun, li kien hemm fuq il-bejt, u qal li bicciet minn dawn il-gebel laqtu l-karozza. Qal li jaf li kien hemm il-karozza ta’ Carmel Vella u anke karozza ohra, u li sid il-karozza l-ohra hareg jigri jwarrabha biex ma tkomplix tintlaqat mill-gebel.

Qal li Carmel Vella ghandu proprjeta’ wara tieghu u beda jitfa’ l-gebel ghal ghandu u zied li lejliet kien hdejh u ma kienx qallu li kien hemm xi haga mhux kif suppost. Zied li

Carmel Vella kien fuq il-bejt, u ghalhekk ma setax ihebb ghalih, pero' ammetta li qabad gebla milli tefa' Carmel Vella u tefaghhielu lura, pero' peress li kien tliet (3) sulari 'l fuq ma laqtux. Sostna li Carmel Vella kien b'zaqqu barra u beda jwaddab il-gebel bl-addocc. Filwaqt li stqarr li hu (l-imputat)ma kienx wahdu dak il-hin, zied li Carmel Vella kien qed ikisser il-gebel b'tavlun ta' xi tlettax –il pied u jwaddabhom ghal isfel. L-imputat qal li huwa mill-ewwel cempel lill-pulizija biex jghidilhom li kienu qed ikissrulu go hwejgu, izda Carmel Vella beda jghajjat minn fuq li kien hu li cemplilhom. Qal li peress li l-pulizija kienu damu hafna ma marru fuq il-post, hu cempel direttament lis-Supretendent biex jibaghthom. Imbaghad ikkummenta li meta PS 187 wasal fuq il-post , minflok mar izomm lil Carmel Vella milli jkompli jkisser, zamm lilu u arrestah u l-iehor baqa' jkisser fil-prezenza tal-pulizija u allura hu staqsa "jekk is-Sur Vella qed ikissirli l-hwejjeg u kif tarresta lili u mhux lilu?!" u anke ghaliex ma kienx qed iwaqqfu milli jkompli jwaddab il-gebel. Dan wiegbu biex ma jikkmandahx u zammu milli jkompli jghajjat ma' Carmel Vella biex jieqaf.

Mistoqsi jekk PS 187 dahalx fil-post tieghu biex jara jekk kienx hemm hsara, wiegeb li ma dahalx, izda qabad u hadu l-ghassa. Stqarr li mieghu kien hemm tliet (3) persuni ohra li raw lil Carmel Vella jkisser, izda dak il-hin kienu mbeghdin. Ikkonferma li ma' PS187 kien hemm pulizija iehor.

Qal li l-gebel li waddab lura kienu dawk li twaddbu ghandu, fis-sens li gabar il-gebel li waddablu Carmel Vella waqt li kien fit-triq u waddabhomlu lura, u spjega li whud minn dawn il-gebliet gew fit-triq u ohrajn fil-proprjeta' tieghu stess, pero' kien zgur li lil Carmel Vella ma laqtux.

Mistoqsi liema hi l-proprjeta' tieghu wiegeb li hija l-isqaq kollu mal-genb u proprjeta' fuq il-parti ta' wara. Iddeskriva li l-isqaq u l-proprjeta' tieghu fih xi mitejn pied u ghalhekk il-gebel li tefa' gie kollu fl-isqar u fil-bitha tieghu stess. Ma kienx jaf jekk marrux gebel fuq il-bejt ta' Carmel Vella.

Gie muri d-dokument a fol. 34 tal-atti u mistoqsi jispjega kif gebla li tintefa' minn fuq tolqot il-hgiega tal-genb tal-karozza. Spjega li f'dan ir-ritratt jidher hu, u qal li dak il-hin li ttiehed ir-ritratt ma kienx induna bil-hsara li kien hemm fil-vettura, pero' jaf bic-cert li laqatha Carmel Vella stess. Mistoqsi jekk il-bini muri fir-ritratt hux ta' Carmel Vella, wiegeb fin-negattiv, pero' kkonferma li l-karozza kienet ipparkjata biswit il-bini ta' haddiehor quddiem il-flat tieghu. Mistoqsi x'distanza hemm bejn il-vettura tas-Sur Vella u l-faccata tieghu , qal li hemm xi tletin pied. Ikkonferma li quddiem id-dar ta' Carmel Vella hemm speci ta' pjazza. Gie muri wkoll ir-ritratt a fol. 35 u kkonferma li fih jidher hu bil-camera tar-ritratt f'idu biex jiehu ritratt ta' Carmel Vella.

Ikkummenta li Carmel Vella ghandu xi jghid man-nies li joqoghdu fuqu, ma' ta' tahtu, u ma' tal-faccata. Imbaghad qal li jaf li Carmel Vella kellu l-hgieg tal-faccata mkissrin, pero' ma kienx jaf meta nkisru.

Fl-ahhar qal li l-hajt li waqqa' Carmel Vella kien jinsab fuq in-naha ta' wara tal-bini, u li dan tefa' l-gebel lejn il-bitha tieghu (tal-imputat) u mhux lejn it-triq.

Rat illi fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru 2009 xehdet **Mary Jane Attard, Deputat Registratur fil-Qorti t'Ghawdex** (a fol. 110), u esebiet zewg sentenzi, wahda fl-ismijiet **<u>“John Vella et –vs- Carmel Vella et”</u>** li giet immarkata bhala Dok. X u l-ohra **<u>“Carmelo Vella et –vs- John Vella et”</u>** li l-Qorti mmarkat bhala Dok. Y.

Illi nhar il-hmistax (15) ta' Jannar 2010 xehed **Jason Vella** (a fol. 130 et sequitur) li qal li huwa jigi iben l-imputat u li ghandu dstax-il sena. Ftakar li darba kien mar ma' missieru fil-farmhouse li ghandhom int u sejjer lejn il-Munxar, fejn missieru kien qed jaghmel xi xoghlijiet. Ftit wara li telqu missieru kien ircieva telefonata minghand gar taghhom fejn gie nfurmat li kienet qed issir xi hsara fil-post taghhom, fil-fatt kien qallu li kienu qed iwaqqghu il-hajt divizorju. Marru hemm u qaghdu fil-bidu tal-isqaq u raw li kien ghadu qed isir it-tkissir u missieru beda jattira l-attenzjoni tar-ragel li kien qed iwaddab il-knatan biex

jieqaf, izda dan ir-ragel beda jaqbad il-gebel u jitfghu fid-direzzjoni taghhom.  Qal li sussegwentement kienu cemplu lill-pulizija, izda dawn kienu damu hafna ma marru, u sadanittant din il-persuna baqghet twaddab il-gebel.

Kompla li l-pulizija waslu kif appena wasal Reggie Vella, pero’ ma waqfux, anzi baqghu sejrin u allura Reggie mar warajhom biex iwaqqafhom u jghidilhom biex imorru jaraw x’gara.  Qal li sadanittant pero’ l-hsara kienet ghadha qed issir, cioe’ kienu ghadhom qed jitfghu il-gebel.  Mistoqsi min kienet il-persuna li kienet qed twaddab il-gebel, qal li ma jafx x’jismu, izda jaf li hu s-sid tal-post minn fejn kienu qed jitwaddbu l-gebel.

Zied jghid li malli l-pulizija waslu, s-Surgent hareg mill-karozza u missieru mar ghal fuqu biex ikellmu, izda dan qallu biex ma jitkellimx ghax kien arrestat, u allura missieru beda jipprova jattiralu l-attenzjoni ghal dak li kien gara, pero’ dan rega’ rrepeta l-istess kliem.  Imabaghad qal li sa fejn jaf hu lill-missieru haduh l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat u hu mar ma’ Reggie Vella.  Qal li sa fejn jaf hu missieru ma kien ghamel xejn biex idejjaq lill-pulizija.

Jaf li fuq il-post kien hemm il-karozzi u li wahda minnhom kellha hgiega mkissra, u li ra mara tiehu r-ritratti.   Qal li lil din il-mara missieru fl-ebda hin ma kellimha, izda din baqghet il-hin kollu tiehu ritratti lilhom, tal-karozzi u ta’ kull ma kien hemm.  Mistoqsi mill-pulizija kif kien effettivament inkiser il-windscreen wiegeb li ma jafx.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet ta’ kif sehh dan l-incident, u cioe’ dik moghtija mill-Prosekuzzjoni, u cioe’ li l-imputat qabad u tefa’ l-gebel fil-konfront ta’ Carmel Vella u kkagunalu diversi hsarat, u in oltre li hedded u ngurja lill-ufficcjali tal-Pulizija u li fixkilhom f’xoghlhom, u t-tezi kif proposta mid-difiza, fejn intqal mill-imputat li kien hu li talab l-ghajnuna tal-Pulizija u minflok ma marru jghinuh u jikkalmaw lil dan Vella qabdu u arestawh ghal xejn b’xejn, u li ma kienx minnu li huwa

gab ruhu hazin mal-pulizija u lanqas ma ndahal fid-dmirijeit taghhom .

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita' tax-xhieda, u cioe' fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa w bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha, u dan ghaliex ghexet il-process kollu w hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma' *viva voce* l-provi kollha, w ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-artikolu 637(1) tal-Kap. 9, u dan billi qieset l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, w ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, u jekk ix-xhieda kinitx imsahha minn xhieda ohra, w tara c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi l-Qorti thoss li x-xhieda tal-prosekuzzjoni hija korroborata wkoll bi provi cirkostanzjali li jorbtu lill-imputat bla dubbju ta' xejn, mal-akkuzi moghtija lilu kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

Ta' min ifakkar li fi proceduri penali, l-*onus* tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali, u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga.

Il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - *pg. 234 Vol III* jghid: *"Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa.*"

Il-Qorti thoss, qabel ma tidhol u tiddiskuti l-akkuzi wahda wahda, li taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs George Spiteri** deciza nhar il-5 ta' Lulju 2002 fejn inghad li:-

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*

*Kif hu ben not, mhux lecitu ghal din il-Qorti b' funzjoni ta' revizjoni li tinvadi t-territorju rizervat mil-ligi ghall-gurati, hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet ragjonevolment tasal ghalih. Cioe' jrid ikun in kontradizzjoni manifesta w assoluta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b' mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala assolutament infondat. Effettivament, hu*

*eccezzjonalment u narament li din il-Qorti ta' Revizjoni tasal biex tirrimpjazza l-apprezzament tal-provi li taghmel hi ghal dak li jkunu ghamlu l-Imhallfin tal-Fatt."*

Ikkunsidrat ulterjorment.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat talli volontarjament ghamel hsara fil-proprjeta ta' Carmel Vella, u dan f'valur li jeccedi l-hames mitt lira Maltin ai termini ta' l-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

M'hemmx dubbju, anke minn ezami tar-ritratti esebiti, li l-imputat kellu f'idejh numru ta' gebel, u skond ix-xhieda moghtija u cioe' minn Carmel u martu Antoinette Vella, kien l-imputat li tefa' l-gebel fuq il-vettura taghhom tal-ghamla Peugeot u kkagunalha diversi hsarat fosthom anke t-tkissir tal-*windscreen*. L-imputat dan jichdu u jghid li kien Carmel Vella stess li tefa' l-gebel u kisser il-vettura tieghu stess bhala rizultat t'ghemilu. Il-Qorti thoss li din il-versjoni tax-xhieda hija nveritiera u aktar hija propensa li temmen il-versjoni tax-xhieda kif moghtija mill-konjugi Vella, specjalment meta wiehed jiehu x-xhieda taghhom fid-dawl tal-provi indivizi w prodotti mill-Prosekuzzjoni, w cioe' tar-ritratti esebiti. Jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Buttiegieg, Surveyor ma' Gasan Insurance, li d-danni li kien hemm fuq il-vettura ta' Carmel Vella, u cioe' l-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni BEL 306, kienu jammontaw ghal elf u tmienja w tmenin Lira Maltin (LM1088), skond id-dokument Z, u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta provata b'mod sodisfacenti.

Dwar it-tieni akkuza l-imputat gie akkuzat talli kkaguna feriti ta' natura hafifa skond l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta skond ix-xhieda tal-konjugi Vella li huwa kellu feriti fuq l-istonku bid-demm icarcar. Skond ix-xhieda ta' PS 187 kien hemm anke sahansitra demm mal-art fil-kuritur. L-imputat dwar dan ma jghid xejn, salv li kien Vella stess li tefa' l-gebel ghal isfel u pprova jispjega li l-hgieg tat-twieqi tieghu inkisru bil-gebel tieghu stess. Dan pero' fil-fehma tal-Qorti huwa invero simili ghaliex il-gravita' tigbed l-isfel u ghalhekk il-gebel li

seta’ tefa’ s-Sur Vella zgur ma kinux il-gebel li kkagunawlu l-feriti li kellu. Hija aktar kredibbli dak li qalu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni li l-ferita li kellu is-Sur Vella giet kagunata bil-hgieg li tar mit-tieqa li inkisret wara li l-imputat tefa’ l-gebel fid-direzzjoni tal-kwerelanti u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta wkoll provata.

Dwar it-tielet akkuza, u cioe’ dik ta’ ngurji u theddid fil-konfront ta’ PS 187 waqt li kien qed jaghti servizz pubbliku, ai termini ta’ l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. PS 187 kif korroborat mil-konjugi Vella *ex admisses* jghid li “ *li John Vella beda jmissu u jghidlu li ma kienx qed jaghmel xoghlu sewwa, u ghalkemm hu wissieh kemm-il darba biex ma jtellfux f’xoghlu ghaliex inkella kien ser ikollu jarrestah, l-imputat xorta baqa’ jimbottah u jghidlu li ma kienx qed jaghmel xoghlu*.” Jirrizulta wkoll li waqt li l-imputat kien l-ghassa, s-Surgent staqsih ghal xi partikolaritajiet tieghu u dan ma kienx qed jikkoopera mieghu. Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputat vera fixkel lil PS 187 fil-qadi tad-dmirijiet tieghu, pero’ ma jirrizultax li ghamel hekk bil-ghan li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi, w ghalhekk din l-akkuza ma tirizultax.

Dwar ir-raba’ akkuza u cioe’ l-kotravenzjoni ai termini tal-artikolu 339 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ li huwa tefa’ gebel fil-btiehi, u li tefa’ gebel ghat-twieqi ta’ terzi. M’hemmx dubbju li din il-kontravenzjoni tirrizulta provata ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti anke minn sempliciment ezami tar-ritratti esebiti, fid-dawl ta’ dak li qalu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u ghalhekk din il-Qorti qed issibu hati taghha.

Fil-hames akkuza l-imputat gie akkuzat b'dak li hemm dispost fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, u cioe’ talli volontarjament kiser il-bon ordni w il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied. Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v PioGalea*** deciza fis-sbatax ta' Ottubru, 1997, fejn gie ritenut li *“biex ikun hemm dan ir-reat irid ikun hemm bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-*

*ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba ta' possibilita li reazzjoni ghal dak l-ghemil*." Din il-kontravanzjoni wkoll tirrizulta provata u dan ghaliex l-imputat minn barra t-triq, u cioe' triq pubblika, beda jitfa' l-gebel, jghajjat u jgib ruhu hazin fil-konfront tal-konjugi Vella, anke talvolta quddiem l-ufficcjali tal-Pulizija, u l-ghemil tieghu jammonta ghal ksur ta' paci pubblika.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-Fedina Penali tal-imputat esebita fl-atti a fol.9 et seq markata bhala dok CSH1, u jirrizulta li mis-sena 1989 sas-sena 2003 huwa gie mressaq il-Qorti zgur tmien darbiet fuq akkuzi, fost ohrajn ta' ksur tal-paci pubblika b'ghajjat u glied, talli qabad materjal iebes ghal terza persuna, kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq terzi persuni, kkaguna hsara volontarja fuq proprjeta' ta' terzi, naqas li jobdi ordni tal-Qorti u ghalhekk sfida l-amministrazzjoni tal-Gustizzja, u *raggion fattasi* fejn gie kkundannat ihallas multi u ammendi. Jidher car li l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu, w ghalhekk il-Qorti thoss li ma tistax tibqa' taghti l-impressjoni li l-imputat m'ghandux ihallas ta' dak li ghamel. Il-Qorti ghalhekk thoss li din hija l-ahhar oportunita' li qed tinghata lill-imputat qabel ma tuza l-id iebsa u tikkundannah piena karcerarja. Jinghad li l-imputay ghandu jikkalma t-temperament tieghu u jagixxi skond il-Ligi, ghaliex darb' ohra li jidher quddiem din il-Qorti u jinsab hati, sejra tkun din l-istess Qorti li tibaghtu l-habs. Thoss ghalhekk li ghandha timponi piena finanzjarja ta' multa fil-massimu taghha, bl-isperanza li din tintuza bhala deterrent li l-imputat izom il-boghid mill-hajja ta' kriminalita'.

**Il-Qorti rat** l-Artikoli tal-Ligi u cioe **l-Artikoli 95, 221, 325 (b), 339 (c) u 339 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** u tiddikjara li qed **issib lill-imputat JOHN VELLA hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), r-raba' (4), l-hames (5) u s-sitt (6) akkuza, u tikkundannah ihallas is-somma ta' elf mija w erbgha w sittin Ewro u disgha s wittin centezmu (€1164.69) ekwivalenti ghal hames mitt Lira Maltin**

**(LM500),** u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) akkuza u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------